# *EPITHALAMION*

ĠIBULI L-WARD, il-ward sabiħ li jħammar
ma' tul is-sajf; tul l-eħrex xhur xitwija
ħa' nroxx fit-triq mnejn tgħaddi oħti Marija.

Ġibuli ż-ż'har, iż-ż'har dejjem bajdani
għax safi dejjem, dejjem bl-ebda ħtija,
iż-ż'har irrid għal ras oħti Marija.

Oħti se' tħalli d-dar u se' titbiegħed
minn fejn rat ferħ, rat hemm, rat it-trobbija,
oħti se' tmur—it-twajba oħti Marija.

Tibża' xejn, oħt, it-triq ofroq imwarrda
u f'rasek la tibżâx tq'għed ż'har bla ħtija,
Int bħalhom ma tafx semm, oħti Marija;

Int bħalhom għandek qalbek tfur bl-Imħabba
li ma tafx sajf, ma tafx kesħat xitwija
għalhekk tibżâx... it-triq ofroq Marija.

ROSARIO BRIFFA.

15-1-27.

# IS-SEBÂT IJIEM TAL-ĦOLQIEN

JEKK niftħu l-Iskrittura Mqaddsa fejn tgħid fuq il-ħolqien tad-dinja—il-Ġenesi—insibu li Alla ħalaqha f'sitt ijiem, u fis-seba' jum strieħ mix-xogħol Tiegħu.

Dawn il-jiem tal-ħolqien qalgħu ħafna għajdud fuq kif għandna nfissruhom, u nsibu li bosta għorrief ma jaqblux ma' xulxin fuq dan. Għal bosta żmien kien jitwemmen—kif konna nemmnu aħna f'żgħożitna—li l-jiem tal-ħolqien tad-dinja kienu tassew ta' erbgħa u għoxrin siegħa, u li Alla ħalaq id-dinja f'jum wara ieħor għal ġimgħa sħiħa. Issa, barra minn dina t-tifsira, hemm ukoll bosta oħra mill-għorrief kattoliċi, u l-Knisja qatt ma ġagħlitna nemmnu f'waħda jew fl-oħra, għaliex din il-ħaġa ma tmissx it-Twemmin Imqaddes. Dawn insemmuhom iżjed il-quddiem.

Għalfejn ġie miktub il-ktieb tal-Ġenesi? Tgħid biex jati tifsira tal-bidu tad-dinja li tkun ta' xeħta xjentifika? Aktarx li lê, meta niftakru f'idejn min kellha taqa' din it-tifsira: f'idejn ġens ewlieni li ma kien jifhem xejn fuq xjenza, u għalhekk ma kienx jaqbad x'qatt ried igħid il-kittieb Imqaddes. Mhux dan kien il-ħsieb tiegħu, imma li jurihom il-ħsieb ta' Alla għall-fidwa tal-bniedem. Għalhekk il-ktieb tal-Ġenesi joqgħod wisq iżjed fuq il-ħolqien tad-dinja fejn għandha x'taqsam mal-bniedem milli fuq il-ħolqien ta' l-Univers, jiġifieri tad-dinjiet kollha.

Li l-ġrajjiet, kif jinsabu fil-Ġenesi, kienu maħsuba għal xi ġens ewlieni, jidher sewwa mill-kliem ħafif tagħhom, meħtieġ għal dawk iż-żmenijiet kif ukoll li kull ma fihom jinsab skond id-dehra, jiġifieri skond kif jaraw il-għajnejn.

U la darba, bħala bnedmin li aħna, ma nistgħux naħsbu f'Alla u fuqu nitkellmu ftit jew wisq iżjed fil-għoli, il-ġrajjiet tal-Ġenesi jidhru, biex nifhmuhom iżjed aħjar, bħal li kieku ġew magħmula minn bnedmin. Fihom Alla jagħmel, jaħseb u jitkellem bħalma jagħmel, jaħseb u jitkellem bniedem. Għalhekk, bħala bnedmin li aħna, ma hemmx x'tistagħġeb, li naħsbu ta' bnedmin fuq it-tifsira ta' *jum*, jekk ma' nkunux megħjunin mix-xjenza.

Meta aħna nitkellmu fuq ħolqien, għandna jkollna f'rasna li għal Alla ma hemmx la l-imgħoddi u l-anqas li ġej, u billi Huwa m'għandux x'jaqsam la ma' qies, u l-anqas ma' żmien, jidher sew li meta nsieħbu l-kelma *jum* ma' Alla, u nobsru, fl-istess ħin, li din il-kelma tfisser erba' u għoxrin siegħa,